**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, it-13 ta' Frar 2023**

Kaz Nru: 118/14

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Johann J. Fenech)

**kontra**

**RITA GRIMA**

(Detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 458390(M))

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Rita Grima** ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, imwielda l-Pieta' fil-15 ta' Settembru 1990 bint Albano u Lorraine nee' Spiteri, residenti Cini Flats, Flat 4, Triq il-Lifurna, Zebbug – Ghawdex u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 458390M, akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn it-30 u l-31 ta' Marzu 2013 u l-gurnata ta' qabel;

1. Ittraffikat, bighet, qassmet jew offriet li tittraffika, tbigh jew tqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika bi ksur tad-

disposizzonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, kif ukoll

2. Kellha fil-pussess taghha medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika bi ksur tad-disposizzonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhomx x'jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-Medicini Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Kapitolu 31 tal-Ligjiet ta' Malta li permezz tal-istess Ordni, ordna li l-imputata titressaq quddiem din il-Qorti biex twiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha[1];

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta[2];

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li fil-lejl ta' bejn it-30 u il-31 ta' Marzu 2013, il-pulizija tal-iskwadra ta' kontra d-droga ghamlu xi tfittxijiet fuq il-persuni u dan waqt party li kien qed isir gewwa l-MFCC. Fosthom dawn il-persuni saret tfittxija fuq Sherlock Cachia. Minn din it-tfittxija rrilzulta li fiz-zarbun

[1] Fol. 4 tal-atti processwali
[2] Fol. 92 tal-atti processwali

kellu erba’ pilloli. Dawn il-pilloli gew analizzati minn espert mahtur minn dina l-Qorti (diversament preseduta), ix-xjenzat Godwin Sammut, li kkonkluda:

> *"Illi fl-estratti mehuda mill-pilloli ta’ lewn blu li hemm fid-dokument 005_16_01 instabet is-sustanza 3, 4-methylenedioxymethamphetamine (MDMA). In-numru ta’ pilloli kien ta’ 4. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht it-Tielet Skeda, Taqsima A, tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta."*

Illi mill-investigazzjonijiet tal-pulizija partikolarment mill-istqarrijiet mehuda rrizulta li Sherlock Cachia kien qed izomm dawn l-erba’ pilloli MDMA ghal certu Joceline Schembri. Fil-fatt fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti Cachia jikkonferma dan u jghid li hekk kif kienu dehlin gewwa l-MFCC, Schembri kienet poggiet fil-gakketta tieghu dawn l-erba’ pilloli ghax hija kienet qed tibza ddahhalhom gewwa l-party. Ezatt kif twaqqaf mill-pulizija Cachia immedjatament infurmahom li dawk il-pilloli ma kienux tieghu izda ta’ Schembri.

Mill-investigazzjonijiet tal-pulizija, skond ix-xhieda tal-ufficjal prosekutur Fenech, jirrizulta li waqt l-interrogazzjoni, Schembri kienet iddikjarat li l-pilloli kienet ghaddiethomla l-qua imputat Rita Grima. Schembri giet mghajjta bhala xhud mill-prosekuzzjoni f’dawn il-proceduri madanakollu dina ma setghetx tixhed ghax ghad ghandha proceduri fil-konfront taghha fuq l-istess fatti mertu tal-proceduri odjerni. Fil-fatt fl-udjenza tat-8 ta’ Marzu 2022 il-prosekuzzjoni rrinunzjat ghal din ix-xhud.

Il-qua imputat giet interrogata mill-pulizija nhar it-28 t’Awwissu 2013. Din l-istqarrija ttiehdet mill-ispettur Johann J. Fenech fil-prezenza ta’ WPS297 R. Spiteri u dana wara li giet imwissija bid-dritt tas-silenzju u bid-dritt tal-assistenza legali. Id-dritt tal-assistenza legali fis-sena 2013 kien limitat biss ghal siegha qabel l-interrogazzjoni. Mill-istqarrija stess, li l-imputat ghazlet li tiffirma, jirrizulta li hija rrifjutat dan id-dritt.

Mill-atti processwali ma jirrizultax li l-imputata giet mghotija d-dritt li tkun assistita minn avukat jew prokuratur legali ta’ fiducja taghha waqt il-kors tal-istqarrija. Mill-atti processwali ma jirrizultax ukoll li kien hemm ragunijiet impellenti l-ghaliex l-imputata ma gietx mghotija d-dritt ghall-assistenza legali waqt l-istqarrija. Minn qari tal-istess stqarrija jirrizulta li fil-ftit mistoqsijiet li sarulha l-imputat inkriminat lilha innifisha fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghha. Minn analizi tal-fedina penali tal-imputata jirrizulta li hija ghandha fedina penali netta. Jirrizulta ukoll li l-istess stqarrija hija l-unika prova tal-prosekuzzjoni fil-konfront tal-qua imputata u dan galadarba l-prosekuzzjoni rrinunzjat ghax-xhieda ta’

Schembri li hija l-unika persuna li setghet tixhed dwar in-ness li setgha jkun hemm bejn il-qua imputata u l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghha. Din il-Qorti, qieset il-principji stabbiliti fl-insenjament mghoti fil-kaz **<u>Beuze v il-Belgju</u>** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, u l-principji stabbiliti ricentament permezz tas-sentenzi mghotija mill-Qrati ta' gurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[3]. Fic-cirkostanzi msemmija hawn fuq, u fid-dawl tal-insenjament rigwardanti din il-materja, bil-ghan li ma jigux mittiefsa d-drittijiet tal-imputata, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tiskarta l-istqarrija tal-imputata fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar ir-reita o meno tal-imputata fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tagha.

Stabbilit dan, u cioe' galadarba l-istqarrija tal-qua imputat ser tigi skartata, ma tirrizulta l-ebda prova li b'xi mod tista' torbot lill-qua imputata mad-droga li nstabet fil-pussess ta' Sherlock Cachia fil-lejl ta' bejn it-30 u l-31 ta' Marzu 2013. Fil-fatt Cachia jixhed li Schembri qatt ma kienet qaltlu minghand min kienet gabet il-pilloli MDMA. Fid-dawl ta' dan kollu, fuq nuqqas ta' provi, Grima ser tigi lliberata mill-impuazzjonijiet dedotti fil-konfront taghha.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti, fuq nuqqas ta' provi qed issib lill-qua imputat Rita Grima mhux hatja tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghha u konsegwentament qed tigi lliberata mill-istess.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.

Christine Farrugia

Deputat Registratur

---

[3] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022) u Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022).